20 ta' Diċembru, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Filippa Grech *versus* Antonio Magri

**Filjazzjoni Naturali — Alimenti — Azzjoni "de in rem versó" — Preskrizzjoni — Art. 19, 108 u 109 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riv.).**

*Il-missier huwa obligat imantni lit-tifel qabel l-omm, u l-omm mhix obligata tagħti lit-tifel l-alimenti li huwa jista' jottjeni minn għand missieru.*

*Dawn il-prinċipji huma applikabili anki bejn il-missier u l-iben li jiġi dikjarat iben naturali per mezz ta' sentenza.*

*Għalhekk l-omm li, bħala obligata sussidjarja, mantniet lit-tifel, għandha regress kontra l-missier fil-miżura ta' l-alimenti akkordati bis-sentenza li ddikjarat il-paternità naturali, in forza ta' l-azzjoni "de in rem verso"; u dana mhux biss għall-alimenti li tkun tat lit-tifel mid-data tas-sentenza, imma wkoll mid-data tat-twelid tiegħu.*

*L-azzjoni għal dawn l-alimenti tippreskrivi ruħha f'ħames snin.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn l-attriċi, wara li qalet li l-konvenut, b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Diċembru 1945, ġie dikjarat missier naturali tal-minuri Giovanni Grech, binha, li twieled fl-24 ta' Ġunju 1940, u ġie kundannat iħallas għall-alimenti ta' l-istess minuri 1s. 3d. kull

jum; u li hi mantniet l-imsemmi minuri mid-data tat-twelid sad-data ta' l-imsemmija sentenza a spejjeż tagħha, obligu li naturalment u ċivilment huwa tal-konvenut, u għalhekk għandha kreditu kontra tiegħu; talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha l-ammont ta' £123. 2. 6 korrispondenti għall-alimenti fuq imsemmija minnha somministrati lil-minuri fuq imsemmi bejn iż-żewġ dati fuq indikati, kalkolati bir-rata ta' 1s. 3d. kuljum; bl-interessi legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 1946, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fl-1 ta' Lulju 1946, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin għall-manteniment sal-20 ta' Frar 1941, u laqgħet it-talba limitatament għal £25. 1. 0½, bl-ingħax relativ, u ċaħditha għall-kumplament, u ordnat illi l-ispejjeż ibatuhom il-partijiet a proporzjon tar-rebħa u telfa rispettiva tagħhom; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mix-xhieda ta' l-attriċi jirriżulta li t-titel in kwistjoni ġie mrobbi minn ommu, li hi l-attriċi. It-tifel twieled fl-24 ta' Ġunju 1940, u b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Diċembru 1945 ġie dikjarat iben naturali tal-konvenut. Dik il-Qorti kkundannat lill-konvenut iħallas 1s. 3d. kuljum għall-manteniment ta' ibnu. Skond l-art. 109, para. 2, tal-Kodiċi Ċivili, l-omm mhix obligata tagħti lil binha l-manteniment li dan jista' jottjeni minn għand missieru skond il-liġi. Inmela kien il-konvenut li messu mantna lill-ibnu, u meta l-attriċi mantniet lil binha f'loku, kienet fil-pożizzjoni ta' terza persuna li ħarġet il-flus f'lok il-konvenut. U peress li b'daqshekk iffrankat l-ispiża li xort'oħra kien jonfoq il-konvenut, u b'hekk ivvantaġġjatu, hija għandha l-azzjoni "de in rem verso" kontra tiegħu. Il-Qorti ta' l-Appell ta' Torin, fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1913 in re "Guerreschi vs. Giustina", qalet li "l'azione 'de in rem verso' è proponibile per la restituzione delle somme spese da un estraneo per il mantenimento del

figlio naturale anteriormente all'epoca del suo riconoscimento'' (Fadda, Supplem. Vol. I, art. 186, para. 12);

Irriżulta mix-xhieda ta' l-attriċi li għall-ewwel sitt xhur hija kienet tradda' t-tarbija, imbagħad kienet omm l-attriċi li mantniet it-tifel u damet tmantnieh sakemm mietet sena u nofs ilu. Iżda l-flus li bihom omm l-attriċi mantniet it-tifel kienu minn ta' l-attriċi, u minn ta' oħt l-attriċi wkoll, għax dawn kienu jgħixu flimkien u jħalltu u jaqsmu l-qliegħ. Immela sakemm mietet l-omm, l-attriċi kkontribwiet terz. Wara l-mewt ta' l-omm, it-tifel ġie mantnut bi spejjeż ta' l-attriċi u ta' oħtha; immela l-attriċi ħarġet in-nofs. Peress li l-obligu tal-konvenut huwa limitat għal 1s. 3d. kuljum, skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li ffissat l-ammont ta' l-alimenti, jiġi li minn dak l-ammont l-attriċi kien imissha għall-ewwel it-terz, u mbagħad in-nofs, a proporzjon ta' dak li kkontribwiet. Il-Qorti tosserva li anki meta tkun imredda', it-tarbija dejjem trid l-ispiża tagħha;

Fuq il-preskrizzjoni l-Qorti tosserva li din hija applikabili biss għall-manteniment sal-20 ta' Frar 1941, għax fil-21 ta' Frar 1946 il-konvenut kien ġie interpellat b'ittra uffiċjali minn għand l-attriċi għall-ħlas;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata billi tiġi revokata fejn ikkundannatu jħallas is-somma ta' £25. 1. 0½ bl-imgħax relativi u l-porzjoni ta' l-ispejjeż relativi, u tiġi konfermata għall-kumplament, u konsegwentement jiġu respinti d-domandi ta' l-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attriċi hija dik ''de in rem verso'', u fil-każ jirrikorru l-estremi kollha għall-eżerċizzju tagħha. Infatti, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, l-omm mhix skond il-liġi (art. 109 (2) Kodiċi Ċivili) obligata tagħti lil binha l-manteniment li huwa jista' jottjeni minn għand missieru. Għalhekk kien l-appellant li kellu l-obligu li jmantni lill-ibnu, u l-manteniment li għal dak it-tifel ħarġet l-ap-

pellata hargitu f'lok l-appellant, li għalhekk ifranka dik l-ispiża u b'hekk kellu vantaġġ;

Tikkunsidra;

Illi mbagħad, skond l-art. 19 tal-Kodiċi Ċivili, il-missier huwa obligat li jmantni t-tfal qabel l-omm, u għalkemm hawn qegħdin fil-materja tal-filjazzjoni naturali, iżda dak il-prinċipju huwa anki applikabili, salva l-limitazzjoni ta' l-obligazzjoni di fronti għal missier dikjarat per mezz ta' sentenza in forza ta' l-art. 108 ta' l-istess Liġi. Għalhekk, jekk l-attriċi, bħala omm obligata sussidjarjament għall-alimenti, mantniet lit-tifel, hija għandha regress kontra l-missier f'dik il-miżura; u dan il-prinċipju f'każi analogi ġie applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tigħu fid-29 ta' Marzu 1898 in re "Bugeja vs. Galea", konfermata minn dina l-Qorti per mezz ta' sentenza tat-13 ta' Ġunju 1898 (Kollez. Vol. XVI-II-230), mill-istess Qorti ta' l-ewwel istanza fil-25 ta' Ottubru 1891 in re "Comm. Vincenzo Grech vs. Assunta Sciberras Trigona" (Kollez. Vol. XIV-288), u mill-istess Qorti per mezz ta' sentenza oħra tat-22 ta' Marzu 1878 in re "Notaro Giuseppe R. Psaila ne. vs. Pesatore Francesco S. Psaila ed." (Kollez. Vol. VIII-471);

Lanqas jista' jiġi obbjettat illi meta l-attriċi fforniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx għadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, għaliex la darba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li għandu jiswa "quoad omnes", jirretroagixxi għall-ġurnata tat-twelid; għaliex, kif jgħid Laurent, Diritto Civile, Vol. IV, nru. 20 et seq. (għalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi la darba dak l-istat ġie aċċertat, għandu naturalment jiġi aċċertat mill-ġurnata tat-twelid, għax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obligi inerenti mill-ġurnata tas-sentenza biss u mhux qabel;

Lanqas ma hija aċċettabili d-diffikoltà l-oħra illi l-obligu alimentarju joħroġ kontra l-appellant mis-sentenza ta' din il-Qorti fejn ġie kundannat, għaliex dak l-obligu joħroġ bħala konsegwenza neċessarja kanonizzata mill-liġi fl-art. 108 fuq imsemmi; u l-Qorti kkundannatu li jħallas is-somma li ġiet

likwidata in forza ta' dak l-obligu li huwa għandu "ex lege", la darba ġie dikjarat missier naturali. Għalhekk fil-limiti ta' dak l-obligu, kif ġie likwidat minn dina l-Qorti, l-attriċi għandha dritt tirripeti dak li ħarġet għat-tifel, għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju li l-appellant in vija subordinata ġieb 'il quddiem fil-petizzjoni, mhux aċċettabili, billi f'dina l-kawża għall-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lill-appellata ma kienetx meħtieġa l-preżenza ta' persuni oħra li setgħu kkontribwew għall-manteniment tat-tifel tagħha, għaliex ir-relazzjoni ġuridika qiegħda unikament bejn l-attriċi, it-tifel u l-appellant;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-1 ta' Lulju 1946; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.